



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2009/0172(NLE)

27.4.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill fuq assistenza finanzjarja tal-Komunità dwar id-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija - "Il-Programm Kozloduy"
(COM(2009)0581 – C7-0289/2009 – 2009/0172(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Helga Trüpel

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Assistenza finanzjarja Komunitarja tingħata lil-Litwanja, is-Slovakkja, u l-Bulgarija bħala appoġġ għall-isforzi biex jimplimentaw l-impenn tagħhom li jagħlqu r-reatturi nukleari tal-ewwel ġenerazzjoni. L-appoġġ għall-Bulgarija kien s'issa regolat mit-Trattat dwar l-Adeżjoni u kellu jintemm fl-2009, filwaqt li dak għal-Litwanja u s-Slovakkja se jkompli sal-2013. Fi żmien in-negozjati dwar il-qafas finanzjarju multiannwali l-Bulgarija kienet għadha ma saritx Stat Membru tal-UE u barra minn hekk, iddeċidiet dwar iż-żarmar pjuttost tard. Għalhekk ma ġiet inkluzja l-ebda dispożizzjoni fil-qafas finanzjarju multiannwali tal-2007-2013 għal finanzjament wara l-2009.

L-appoġġ finanzjarju pprovdut sal-2009 għad-dekummissjonar kien iddedikat prinċipalment għall-ħidma ta' tħejjija. L-għan ewlieni ta' din il-proposta ta' kontinwazzjoni huwa li tiġi estiża l-assistenza għall-Bulgarija biex takkumpanja u taċċerta l-manutenzjoni u d-dekummissjonar sikur tal-impjant ta' Kozloduy skont pjan approvat. Il-proposta tipprovdi wkoll għal iktar miżuri ta' mitigazzjoni fis-settur tal-enerġija. Il-kontribuzzjoni finanzjarja meħtieġa mill-Komunità se tkun ta' total ta' EUR 300 miljun fl-2010-2013. L-assistenza finanzjarja se tkun disponibbli bħala kontribuzzjoni Komunitarja għall-Fond Internazzjonali ta' Għajjnuna għad-Dekummissjonar ta' Kozloduy amministrat mill-BERŻ.

Il-Kummissjoni ressqet il-proposta tagħha għall-kontinwazzjoni tal-appoġġ għad-dekummissjonar ta' Kozloduy f'Ottubru 2009, f'nofs il-proċedura tal-baġit għall-2010. Il-proposta baġitarja għas-sena 2010 ġiet inkluzja fl-Ittra li temenda 2. Wara li waslet tard ħafna, il-proposta ħolqot sfida konsiderevoli għall-awtorità baġitarja, minħabba li l-ħtiġijiet baġitarji tad-dekummissjonar ta' Kozloduy kellhom ikunu taħt l-Intestatura 1a, bħall-Pjan Ewropew ta' Rkupru, li kien jeħtieġ finanzjament ta' kważi EUR 2 biljuni fl-2010. Meta tqiesu l-impenni politiċi li saru waqt in-negozjati tal-adeżjoni, kif ukoll il-ħtieġa ċara għall-iżgurar taż-żarmar sikur tat-teknoloġija nukleari l-qadima, kien tqies meħtieġ li jsir finanzjament għal Kozloduy. Fl-aħħar, il-mezzi baġitarji ta' EUR 75 miljun meħtieġa fl-2010, ġew ipprovduti billi ntuża l-Istrument ta' Flessibilità.

Il-finanzjament sussegwenti ta' EUR 225 miljun fl-2011-2013, għandu, fil-prinċipju, jinsab taħt l-Intestatura 1a. Il-Kummissjoni inkludiet l-ammonti meħtieġa fil-programmazzjoni finanzjarja għal dak il-perjodu. Flimkien mal-bidliet l-oħra previsti, il-marġni fl-Intestatura 1a qed jonqos bil-ħeffa u, fl-2012, se joqrob l-34 miljun. Il-marġni se jkun daqsxejn ikbar fl-2011 u l-2013. Fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża mal-proposta, il-Kummissjoni tammetti li jista' jkun li l-proposta tkun teħtieġ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-IIA. Skont il-Punt 38 tal-istess IIA, minħabba li dan il-programm mhuxwix soġġett għall-proċedura ta' kodeċizzjoni, ir-referenza finanzjarja li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jinkludi mhuxwix se taffettwa s-setgħat tal-awtorità baġitarja. L-ammonti għalhekk se jiġu deċiżi fil-proċedura baġitarja annwali.

Il-finanzjament ta' dan il-programm ma għandux jipperikola l-programmi u l-prijoritajiet eżistenti taħt l-Intestatura 1a. Għalhekk soluzzjoni sostenibbli u effettiva għall-finanzjament multiannwali tiegħu tista' tinkiseb biss fil-kuntest ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju multiannwali attwali li l-modifika u r-reviżjoni tiegħu għandhom jiġu proposti sal-aħħar tal-ewwel terminu tal-2010.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Emenda

1a. Iqis li l-proposta għal regolament tal-Kunsill hija konformi mal-limitu massimu għas-sottointestatura 1a tal-qafas finanzjarju multiannwali (MFF) għall-2007-2013 iżda jqis li l-marġni li jibqa' fis-sottointestatura 1a għall-2011-2013 huwa limitat ħafna; jenfasizza li l-finanzjament għal attivitajiet ġodda ma jridx jostakola l-programmi u l-inizjattivi eżistenti taħt is-sottointestatura 1a;

Emenda 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1 b (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Emenda

1 b. Itenni t-talba tiegħu, għalhekk, għall-preżentazzjoni ta' strateġija multiannwali għall-programm ta' dekkommissjonar ta' Kozloduy, kif ukoll għal prijoritajiet politiċi oħra taħt is-sottointestatura 1a, fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-MFF attwali, flimkien ma' proposti konkreti biex jiġi aġġustat u rrevedut qabel it-tmiem tal-ewwel semestru tal-2010 billi jintużaw il-mekkaniżmi kollha disponibbli skont il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (IIA tas-17 ta' Mejju 2006),

partikolarment dawk fil-punti 21 sa 23 tiegħu;

Emenda 3

Abbozz ta' rizzoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1 c (ġdid)

Abbozz ta' rizzoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

1c. Jindika li l-ammont annwali allokat għall-programm ta' dekkummissjonar ta' Kozloduy se jiġi stabbilit waqt il-proċedura baġitarja annwali skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 38 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006;

Emenda 4

Proposta għal Regolament Artikolu 3 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-ammont neċessarju tar-referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-programm Kozloduy għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 300 miljun.

1. L-ammont neċessarju tar-referenza finanzjarja, ***fi ħdan it-tifsira tal-punt 38 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006***, għall-implimentazzjoni tal-programm Kozloduy għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 300 miljun.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI TAL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	8.4.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Abad, Alexander Alvaro, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Andrea Cozzolino, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Estelle Grelier, Jiří Havel, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Sergio Paolo Francesco Silvestris, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Frédéric Daerden, Riikka Manner